MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2013

Talba Numru. 225/2013

**George Farrugia & Sons Limited [C-9537]**

**vs**

**Ignatius FARRUGIA**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba mressqa mis-socjeta rikorrenti fil-11 ta' April, 2013** u li permezz taghha talbet il-hlas, minghand l-intimat, tas-somma ta' elf sitt mija u sbatax-il euro u ċenteżmu a' euro [€1,617.01c] u dan wara li ppremettiet hekk:

"Ammont dovut mill-konvenut lis-socjeta attriċi ghall-merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez tal-presenti, tal-ittra nterpellatorja tal-5 ta' April, 2013 u bl-imghax legali mill-10 ta' Jannar 2013, data ta' l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ngunt in subizzjoni".

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm l-intimat gie debitament notifikat bl-avviz tas-smiegh u bit-Talba odjerna fit-18 ta' April, 2013 ma kkontestax it-Talba fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal wara tali notifika u cioe nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u tal-lum stess.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta rikorrenti fis-seduta mizmuma quddiemu nhar it-8 ta' Mejju, 2013 u l-fatt li l-intimat naqas li jidher illum sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta rikorrenti tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-intimat jhallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' elf sitt mija u sbatax-il euro u ċenteżmu a' euro [€1,617.01c], bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-intimat fl-intier taghhom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------